**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

# ►B REGOLAMENT (KE) Nru 223/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-11 ta' Marzu 2009**

**dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera)**

(ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament (UE) 2015/759 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 | L 123 | 90 | 19.5.2015 |

▼B

# REGOLAMENT (KE) Nru 223/2009 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Marzu 2009

## dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u kumparabbiltà tal-Istatistika Ewropea, prodotti skont il-prinċipji stabbiliti skont l-Artikolu 285(2) tat-Trattat, il-koperazzjoni u l-koordinazzjoni għandhom jiġu rinfurzati bejn l-awtoritajiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea.

(2) Għal dan l-iskop, il-koperazzjoni u l-koordinazzjoni ta' dawk l-awtoritajiet għandha tkun żviluppata b'mod aktar sistematiku u organizzat b'rispett sħiħ għas-setgħat nazzjonali u tal-Komunità u arranġamenti istituzzjonali u b'kont meħud tal-bżonn li jiġi rivedut il-qafas legali bażiku eżistenti sabiex jiġi adattat għar-realtà kurrenti, sabiex jirrispondi aħjar għal sfidi futuri, u sabiex jiġi żgurat li jkun hemm armonizzazzjoni aħjar tal-Istatistika Ewropea.

(3) Huwa għalhekk neċessarju li jiġu konsolidati l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) u li tittejjeb il-governanza tagħha, b'mod partikolari bil-għan li jiġu ċċarati r-rwoli rispettivi tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (l-NSIs) u tal-awtoritajiet nazzjonali oħra, u tal-Awtorità tal-istatistika Komunitarja.

---

([1]) ĠU C 291, 5.12.2007, p. 1.
([2]) ĠU C 308, 3.12.2008, p. 1.
([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-19 ta' Novembru 2008 (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2009.

▼B

(4) Minħabba l-ispeċifità tal-NSIs u awtoritajiet oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, għandhom ikunu jistgħu jirċievu għotjiet mingħajr sejħa għall-proposti skont l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

(5) Meta jitqies it-tqassim tal-piż finanzjarju bejn il-baġits tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm tal-istatistika, il-Komunità għandha wkoll, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), tagħmel kontributi finanzjarji lill-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra biex dawn ikopru ż-żieda fl-ispejjeż li aktarx iġarrbu fit-twettiq tal-azzjonijiet tal-istatistika diretti temporanji li tkun iddeċidiet il-Kummissjoni.

(6) L-awtoritajiet tal-istatistika tal-Istati Membri tal-Assocjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, li huma firmatarji tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([3]) u tal-Iżvizzera għandhom, kif previst rispettivament fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 76 tieghu u l-Protokoll 30 għal dak il-Ftehim, u fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-koperazzjoni fil-qasam tal-istatistika ([4]), b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu, ikunu assoċjati mill-qrib mal-koperazzjoni u koordinament rinfurzati.

(7) Barra minn hekk, huwa importanti li tiġi żgurata koperazzjoni mill-qrib u koordinament adatt bejn l-ESS u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (ESCB), notevolment biex jiġi mħeġġeġ l-iskambju ta' data kunfidenzjali bejn iż-żewġ sistemi għal għanijiet ta' statistika, fid-dawl tal-Artikolu 285 tat-Trattat u l-Artikolu 5 tal-Protokol (Nru 18) dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u l-Bank Ċentral Ewropew anness mat-Trattat.

(8) L-Istatistika Ewropea għandha għalhekk tkun żviluppata, prodotta u disseminata kemm mill-ESS kif ukoll mill-ESCB imma taħt oqfsa legali separati li jirriflettu l-istrutturi rispettivi tal-governanza tagħhom. Dan ir-Regolament għandu għalhekk japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 rigward il-ġbir tal-informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([5]).

---

([1]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([4]) ĠU L 90, 28.3.2006, p. 2.
([5]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

▼B

(9) Konsegwentement, u għalkemm il-membri tal-ESCB ma jieħdux sehem fil-produzzjoni tal-istatistika Ewropea skont dan ir-Regolament, wara ftehim bejn bank ċentrali nazzjonali u l-awtorita' komunitarja fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom u mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti nazzjonali bejn il-bank ċentrali nazzjonali u l-NSI u awtoritajiet nazzjonali oħra, data prodotta mill-bank ċentrali nazzjonali, direttament jew indirettament, tista' tiġi użata mill-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra u mill-awtorita' Komunitarja għall-produzzjoni tal-Istatistika Ewropea. B'mod simili, il-membri tal-ESCB jistgħu, fi ħdan l-isferi ta' kompetenzi rispettivi tagħhom jużaw, direttament jew indirettament, data prodotta mill-ESS, sakemm il-ħtieġa tkun ġustifikata.

(10) Fil-kuntest ġenerali tar-relazzjonijiet bejn l-ESS u l-ESCB, il-Kumitat dwar l-istatistika monetarja, tal-finanzi u l-bilanċ tal-ħlasijiet stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/856/KE ([1]) għandu rwol importanti, b'mod partikolari permezz ta' għajnuna provduta lill-Kummissjoni fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi tax-xogħol li jikkonċernaw l-istatistika monetarja, tal-finanzi u l-bilanċ tal-ħlasijiet.

(11) Fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fid-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, għandhom jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet internazzjonali u l-aħjar prattika.

(12) Huwa importanti li tiġi żgurata koperazzjoni mill-qrib u koordinazzjoni xierqa bejn l-ESS u atturi oħra fis-sistema internazzjonali tal-istatistika sabiex jitħeġġeġ l-użu ta' kunċetti, klassifikazzjonijiet u metodi internazzjonali, l-aktar bil-għan li jiġi żgurat li jkun hemm aktar koerenza u kumparabilità aħjar bejn l-istatistika fuq livell dinji.

(13) Sabiex jiġu allinjati kunċetti u metodoloġiji fl-istatistika, għandha tiġi żviluppata koperazzjoni interdixxiplinarja adegwata mal-istituzzjonijiet akkademiċi.

(14) It-tħaddim tal-ESS għandu bżonn ukoll li jiġi rivedut minħabba li hemm bżonn ta' metodi aktar flessibbli ta' żvilupp, produzzjoni u disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, kif ukoll li tiġi ffissata prijorità ċara bil-għajn li jitnaqqas il-piż fuq dawk li jwieġbu u fuq il-membri tal-ESS u tittejjeb id-disponibbiltà u t-tempesitività tal-Istatistika Ewropea. Għandha tiġi mfassla Strateġija Ewropea għall-Istatistika għal dan il-għan.

(15) Filwaqt li l-Istatistika Ewropea hija normalment bażata fuq data nazzjonali prodotta u disseminata mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika fl-Istati Membri kollha, tista' tiġi wkoll prodotta minn kontribuzzjonijiet nazzjonali mhux pubblikati, subsets ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali, minn stħarriġ statistiku Ewropew speċifikament imfassal jew kunċetti jew metodi armonizzati.

([1]) ĠU L 332, 30.11.2006, p. 21.

▼B

(16) F'dawk il-każijiet speċifiċi u fejn debitament ġustifikat, għandu jkun possibbli li tiġi implimentata Strateġija Ewropea għall-Istatistika li tikkonsisti fi strateġija pragmatika biex tiffaċilita l-ġbir tal-aggregati tal-istatistika Ewropea, li tirrappreżenta l-Unjoni Ewropea kollha jew iż-żona tal-euro kollha, li hija ta' importanza partikolari għall-linji politiċi tal-Kummissjoni.

(17) Strutturi konġunti, għodod u proċessi jistgħu jiġu stabbiliti wkoll jew żviluppati aktar permezz ta' networks ta' kollaborazzjoni, li jinvolvu l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra u l-Awtorità tal-istatistika Komunitarja u li jiffaċilitaw l-ispeċjalizzazzjoni minn ċerti Stati Membri f'attivitajiet speċifiċi tal-istatistika għall-benefiċċju tal-ESS b'mod ġenerali. Dawn in-networks kollaborattivi bejn is-sħab u l-ESS għandhom jimmiraw li jevitaw ix-xogħol doppju u għalhekk iżidu l-effiċjenza u jnaqqsu l-piż tar-rispons fuq l-operaturi ekonomiċi.

(18) Fl-istess waqt, għandha tingħata attenzjoni partikulari għal trattament koerenti tad-data miġbura minn varjeta' ta' stħarriġ. Għal dan il-għan għandhom jiġu stabbiliti gruppi ta' ħidma interdixxiplinari.

(19) L-ambjent regolatorju mtejjeb għall-Istatistika Ewropea għandu b'mod partikolari jirrispondi għall-bżonn li jiġi minimizzat il-piż tar-rispons fuq dawk li jirrispondi għall-istħarriġ u jikkontribwixxi għall-għan aktar ġenerali ta' tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi li jfiġġu fuq livell Ewropew, skont il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007. Ir-rwol importanti li għandhom l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra fl-imminimizzar tal-piżijiet fuq in-negozji Ewropej fuq livell nazzjonali għandu madanakollu jiġi enfasizzat.

(20) Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fl-Istatistika Ewropea l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandhom f'kull Stat Membru kif għandha wkoll l-Awtorita' tal-istatistika Komunitarja fi ħdan il-Kummissjoni igawdu minn indipendenza professjonali u jiżguraw l-imparzjalità u kwalità għolja fil-produzzjoni tal-Istatistika Ewropea, skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 285(2) tat-Trattat kif ukoll il-prinċipji elaborati ulterjorment fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea approvati mill-Kummissjoni fir-Rakkomandazzjoni tal-25 ta' Mejju 2005 tal-Kummissjoni dwar l-indipendenza, l-integrità u r-responsabilità tal-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali u tal-Komunità (li tinkorpora il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea). Il-Prinċipji Fundamentali tal-Istatistika Uffiċjali adottati mill-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fil-15 ta' April 1992 u mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fl-14 ta' April 1994, għandhom jitqiesu wkoll.

(21) Ir-Regolament jiggarantixxi id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u l-ħarsien tad-data personali, kif stabbilit fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([1]).

([1]) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

▼B

(22) Dan ir-Regolament jiżgura wkoll l-ħarsien tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u jispeċifika, f'dak li għandu x'jaqsam mal-Istatistika Ewropea, ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment ħieles ta' data simili ([1]), u fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità dwar il-moviment ħieles ta' data simili ([2]).

(23) L-informazzjoni kunfidenzjali li l-awtoritàjiet tal-istatistika nazzjonali u tal-Komunità għandhom jiġbru għall-produzzjoni tal-Istatistika Ewropea, sabiex tinkiseb u tinżamm il-kunfidenzjalità tal-partijiet responsabbli biex jipprovdu din l-informazzjoni; il-kunfidenzjalità tad-data ta' statistika għandha tissodisfa l-istess prinċipji fl-Istati Membri kollha.

(24) Għal dak l-iskop, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji u linji gwida komuni li jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-data għall-produzzjoni tal-Istatistika Ewropea u l-aċċess għal dawk id-data kunfidenzjali b'ammont dovut għall-iżviluppi tekniċi u l-bżonnijiet tal-utenti f'soċjetà demokratika.

(25) Id-disponibbiltà ta' data kunfidenzjali għall-bżonnijiet tal-ESS hija ta' importanza partikolari sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji tad-data bil-għan li tiżdied il-kwalità tal-Istatistika Ewropea u biex jiġi żgurat rispons flessibbli għall-ħtiġijiet tal-istatistika Komunitarja ġodda li qed jinħolqu.

(26) Il-komunità tar-riċerka għandha tgawdi minn aċċess usa' għal data kunfidenzjali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropej, għall-analiżi fl-interess tal-progress xjentifiku fl-Ewropa. L-aċċess għal data kunfidenzjali mir-riċerkaturi għal skopijiet xjentifiċi għandu għaldaqstant jittejjeb mingħajr ma jiġi kompromess il-livell għoli ta' ħarsien li data statistika kunfidenzjali teħtieġ.

(27) L-użu ta' data kunfidenzjali għal għanijiet li m'humiex esklussivament ta' statistika, bħal għanijiet amministrattivi, legali jew tat-taxxa jew għall-verifika mal-unitajiet tal-istatistika tad-data għandu jkun projbit strettament.

(28) Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali ([3]) u r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, Parteċipazzjoni Pubblika fit-teħid tad-Deċiżjonijiet u Aċċess għall-Ġustizzja f'Materji Ambjentali għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità ([4]).

([1]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([2]) 2. ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.
([4]) ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13.

▼B

(29) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar fuq livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għanu għaldaqstant huwa bla ħsara għall-modalitajiet, l-irwoli, ir-regoli u l-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi għall-istatistika nazzjonali.

(30) Il-miżuri meħtieġa biex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([1]).

(31) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta miżuri rigward il-kriterji ta' kwalità għall-Istatistika Ewropea u biex tistabbilixxi l-modalitajiet, ir-regoli u l-kundizzjonijiet li taħthom jista' jingħata aċċess għal data kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi fuq livell Komunitarju. Billi dawk il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh b'elementi ġodda mhux essenzjali, għandhom ikunu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(32) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jissostitwixxu dawk fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 ([3]) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 83/382/KEE, Euratom ([4]). Dawk l-atti għandhom għalhekk jiġu mħassra. Il-miżuri implimentattivi stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika tal-Komunità, rigward aċċess għal data kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi ([5]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/452/KE tad-29 ta' April 2004 li tistabbilixxi lista ta' korpi li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għal data kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi ([6]) għandha tkompli tapplika.

(33) Il-Kumitat tal-Programm dwar l-Istatistika ġie konsultat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([2]) ĠU L 304, 14.11.2008, p. 70.
([3]) ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1.
([4]) ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.
([5]) ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7.
([6]) ĠU L 156, 30.4.2004, p. 1, kif ikkoreġut bil-ĠU L 202, 7.6.2004, p. 1.

▼B

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas legali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea.

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u skont l-indipendenza, l-integrità u r-responabbilità tal-awtoritajiet nazzjonali u tal-Komunità, l-Istatistika Ewropea hija statistika relevanti meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet tal-Komunità. L-Istatistika Ewropea hija determinati fil-Programm Ewropew tal-Istatistika. Għandhom jiġu żviluppati, prodotti u disseminati f'konformità mal-prinċipji tal-istatistika stabbiliti fl-Artikolu 285(2) tat-Trattat u elaborati ulterjorment fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea skont l-Artikolu 11. Huma għandhom jiġu implimentati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Prinċipji tal-Istatistika**

1. L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea għandu jkun regolat mill-prinċipji tal-istatistika li ġejjin:

▼M1

(a) "indipendenza professjonali" tfisser li l-istatistika għandha tkun żviluppata, prodotta u disseminata b'mod indipendenti, partikolarment fir-rigward tal-għażla ta' tekniki, definizzjonijiet, metodoloġiji u sorsi li għandhom jintużaw, u ż-żmien u l-kontenut tal-forom kollha ta' disseminazzjoni, u li t-twettiq ta' dawk il-kompiti jkun ħieles minn kull pressjoni politika jew minn gruppi ta' interess jew minn awtoritajiet tal-Unjoni jew dawk nazzjonali;

▼B

(b) "imparzjalità" tfisser li l-istatistika trid tiġi żviluppata, prodotta u disseminata b'mod newtrali, u l-utenti kollha għandhom jingħataw trattament ugwali;

(c) "oġġettività" tfisser li l-istatistika trid tiġi żviluppata, prodotta u disseminata b'mod sistematiku, affidabbli u imparzjali; dan jimplika l-użu ta' standards professjonali u etiċi, u li l-linji politiċi u l-prattika segwiti jkunu trasparenti għall-utenti u għal dawk li jwieġbu għall-istħarriġ;

(d) "affidabbiltà"' tfisser li l-istatistika trid tkejjel b'mod korrett u konsistenti kemm jista' jkun ir-realtà li hija mfassla biex tirrappreżenta u dan jimplika li kriterji xjentifiċi huma użati għall-għażla ta' sorsi, metodi u proċeduri;

▼B

(e) "kunfidenzjalità tal-istatistika" tfisser li l-ħarsien ta' data kunfidenzjali relatata ma' unitajiet ta' statistika uniċi li huma miksuba direttament għal skopijiet ta' statistika jew indirettament minn sorsi amministrattivi jew sorsi oħra u dan jimplika l-projbizzjoni tal-użu tad-data miksuba għal skopijiet mhux ta' statistika jew l-iżvelar illegali tagħha;

(f) "effettività tan-nefqa" tfisser li l-ispejjeż għall-produzzjoni tal-istatistika jridu jkunu proporzjonali mal-importanza tar-riżultati u mal-benefiċċji li jinkisbu, li r-riżorsi jridu jintużaw bl-aħjar mod u l-piż tar-rispons minimizzat. L-informazzjoni mitluba għandha, fejn possibbli, tinħareġ malajr mir-rekords jew sorsi disponibbli.

Il-prinċipji tal-istatistika stabbiliti f'dan il-paragrafu huma elaborati ulterjorment fil-Kodiċi ta' Prattika skont l-Artikolu 11.

2. L-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea għandha tqis rakkomandazzjonijiet u l-aqwa prattika internazzjonali.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "statistika" tfisser informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, aggregata u rappreżentattiva li tikkaratterizza fenomenu kollettiv f'popolazzjoni partikulari;

(2) "żvilupp" tfisser l-attivitajiet li għandhom l-għan li jistabbilixxu, isaħħu u jtejbu l-metodi, l-istandards u l-proċeduri tal-istatistika użati għall-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-statistika kif ukoll it-tfassil ta' statistika u indikaturi ġodda;

(3) "produzzjoni" tfisser l-attivitajiet kollha relatati mal-ġbir, mal-ħażna, mal-ipproċċessar u mal-analiżi meħtieġa biex tinbena l-istatistika;

(4) "disseminazzjoni" tfisser l-attività li tagħmel l-istatistika u l-analiżi tal-istatistika disponibbi għal min irid jużahom;

(5) "ġbir tad-data" tfisser stħarriġ u l-metodi l-oħra kollha ta' ġbir ta' informazzjoni minn sorsi differenti, inklużi sorsi amministrattivi;

(6) "unità tal-istatistika" tfisser l-unità bażika tal-osservazzjoni, jiġifieri persuna naturali, familja, operatur ekonomiku u l-impenji tiegħu, imsemmija mid-data;

▼B

(7) "data kunfidenzjali" tfisser data li tippermetti li unitajiet tal-istatistika jkunu identifikati, direttament jew indirettament, biex b'hekk tiġi żvelata informazzjoni individwali. Biex ikun stabbilit jekk unità tal-istatistika hijiex identifikabbli, għandhom jitqiesu l-mezzi rilevanti kollha li jistgħu jkunu użati b'mod raġonevoli minn parti terza biex tidentifika l-unità tal-istatistika msemmija;

(8) "użu għal għanijiet tal-istatistika" tfisser l-użu esklussiv għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' riżultati u analiżi tal-istatistika;

(9) "identifikazzjoni diretta" tfisser l-identifikazzjoni ta' unità statistika permezz tal-isem u l-indirizz, jew permezz ta' numru tal-identifikazzjoni aċċessibbli pubblikament;

(10) "identifikazzjoni indiretta" tfisser l-identifikazzjoni ta' unità tal-istatistika b'mezz ieħor apparti l-identifikazzjoni diretta;

(11) "uffiċjali tal-Kummissjoni (Eurostat)" tfisser uffiċjali tal-Komunitajiet, fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolamenti dwar l-Impjiegi ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, li jaħdmu mal-Awtorità tal-istatistika Komunitarja;

(12) "uffiċjali oħra tal-Kummissjoni (Eurostat)" tfisser uffiċjali tal-Komunitajiet, fis-sens tal-Artikolu 2 sa 5 tar-Regolamenti dwar l-Impiegi ta' Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, li jaħdmu mal-Awtorità tal-istatistika Komunitarja.

KAPITOLU II

## GOVERNANZA TAL-ISTATISTIKA

*Artikolu 4*

### Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (l-ESS) hija s-sħubija bejn l-awtorita' tal-istatistika Komunitarja, li hija l-Kummissjoni (l-Eurostat), u l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli f'kull Stat Membru (awtoritajiet nazzjonali) għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea.

*Artikolu 5*

### L-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra

▼M1

1. L-awtorità nazzjonali tal-istatistika maħtura minn kull Stat Membru bħala l-korp responsabbli għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha fil-livell nazzjonali għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, li huma determinati fil-Programm Ewropew tal-Istatistika skont l-Artikolu 1 (l-NSI) għandha taġixxi f'dan ir-rigward bħala l-uniku punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni (Eurostat) f'materji ta' statistika.

▼M1

Ir-responsabbiltà ta' koordinazzjoni tal-NSI għandha tkopri l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra kollha responsabbli għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, li huma determinati fil-programm Ewropew tal-istatistika skont l-Artikolu 1. B'mod partikolari, l-NSI għandu jkun responsabbli fil-livell nazzjonali, li jikkoordina l-ipprogrammar u r-rappurtar tal-istatistika, il-monitoraġġ tal-kwalità, il-metodoloġija, it-trażmissjoni tad-data u l-komunikazzjoni dwar l-azzjonijiet statistiċi tal-ESS. Sa fejn ftit minn dik l-istatistika Ewropea tista' tinġabar mill-Banek Ċentrali Nazzjonali (BĊN) fil-kapaċità tagħhom bħala membri tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), l-NSIs u l-BĊN għandhom jikkooperaw mill-qrib f'konformità ma' arranġamenti nazzjonali bil-għan li tkun żgurata l-produzzjoni ta' statistika Ewropea kompleta u koerenti, filwaqt li tkun żgurata l-kooperazzjoni meħtieġa bejn l-ESS u s-SEBĊ kif stipulat fl-Artikolu 9.

▼B

2. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha żżomm u tippubblika fis-sit elettroniku tagħha lista ta' NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli mill-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea kif maħtura mill-Istati Membri.

3. L-NSIs inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jirċievu għotjiet mingħajr sejħa għall-proposti, skont l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

▼M1

*Artikolu 5a*

**Il-kapijiet tal-NSIs u l-kapijiet tal-istatistika ta' awtoritajiet nazzjonali oħra**

1. Fis-sistema nazzjonali tal-istatistika tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-indipendenza professjonali ta' uffiċjali responsabbli għall-kompiti stipulati f'dan ir-Regolament.

2. Għal dak il-għan, il-kapijiet tal-NSIs għandhom:

(a) ikollhom ir-responsabbiltà unika li jiddeċiedu dwar proċessi, il-metodi, l-istandards u l-proċeduri statistiċi u dwar il-kontenut u ż-żmien tar-rilaxx tal-istatistika u l-pubblikazzjonijiet għall-istatistika Ewropea żviluppata, prodotta u disseminata mill-NSI;

(b) jingħataw is-setgħa li jiddeċiedu dwar il-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw l-immaniġġjar intern tal-NSI;

(c) jaġixxu b'mod indipendenti fit-twettiq tal-kompiti statistiċi tagħhom; u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn xi gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra;

(d) ikunu responsabbli għall-attivitajiet statistiċi u l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-NSI;

▼M1

(e) jippubblikaw rapport annwali u jistgħu jesprimu kummenti dwar kwistjonijiet ta' allokazzjoni tal-baġit marbuta mal-attivitajiet statistiċi tal-NSI;

(f) jikkoordinaw l-attivitajiet statistiċi tal-awtoritajiet nazzjonali kollha li huma responsabbli għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, kif stipulat fl-Artikolu 5(1);

(g) jipproduċu linji gwida nazzjonali, fejn dan huwa meħtieġ, biex jiżguraw kwalità fl-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea kollha fis-sistema statistika nazzjonali tagħhom u jimmonitorjaw u jirrevedu l-implimentazzjoni tagħhom filwaqt li jkunu responsabbli biex jiżguraw il-konformità ma' dawk il-linji gwida fi ħdan l-NSI biss; u

(h) jirrappreżentaw is-sistema statistika nazzjonali tagħhom fi ħdan l-ESS.

3. Kull Stat Membru għandu jiżgura li awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea jwettqu tali kompiti f'konformità mal-linji gwida nazzjonali prodotti mill-kap tal-NSI.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri għar-reklutaġġ u l-ħatra tal-kapijiet tal-NSIs u, fejn xieraq, il-kapijiet tal-istatistika ta' awtoritajiet nazzjonali oħrajn li jipproduċu l-istatistika Ewropea, ikunu trasparenti u bbażati biss fuq kriterji professjonali. Dawk il-proċeduri għandhom jiżguraw li l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali jkun osservat, b'mod partikolari fir-rigward tas-sessi. Ir-raġunijiet għat-tneħħija tal-kapijiet tal-NSIs jew it-trasferiment tagħhom għal pożizzjoni oħra ma għandhomx jikkompromettu l-indipendenza professjonali.

5. Kull- Stat Membru jista' jistabbilixxi korp nazzjonali biex jiżgura l-indipendenza professjonali tal-produtturi tal-istatistika Ewropea. Il-kapijiet tal-NSIs u, fejn xieraq, il-kapijiet tal-istatistika ta' awtoritajiet nazzjonali oħra li jipproduċu statistika Ewropea jistgħu jieħdu parir minn tali korpi. Il-proċeduri għar-reklutaġġ, it-trasferiment u t-tneħħija tal-membri ta' tali korpi għandhom ikunu trasparenti u bbażati biss fuq kriterji professjonali. Dawk il-proċeduri għandhom jiżguraw li l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali jkun osservat, b'mod partikolari fir-rigward tas-sessi.

▼B

*Artikolu 6*

**Il-Kummissjoni (Eurostat)**

1. L-awtorità Komunitarja tal-istatistika, kif maħtura mill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa, tipproduċi u tiddissemina l-Istatistika Ewropea, għandha tiġi msejħa "il-Kummissjoni (Eurostat)" f'dan ir-Regolament.

▼M1

2. Fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha taġixxi b'mod indipendenti biex tiżgura l-produzzjoni tal-istatistika Ewropea skont ir-regoli stabbiliti u l-prinċipji tal-istatistika.

▼M1

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tikkoordina l-attivitajiet statistiċi mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza u l-kwalità tad-data u l-imminimizzar tal-piż tar-rappurtar. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tistieden kull korp jew istituzzjoni tal-Unjoni biex tikkonsultaha jew tikkoopera magħha għall-iskop tal-iżvilupp ta' metodi u sistemi għall-finijiet tal-istatistika fil-qasam tal-kompetenza rispettiva tagħha. Kull waħda minn dawk l-istituzzjonijiet jew korpi li tipproponi li tipproduċi l-istatistika għandha tikkonsulta mal-Kummissjoni (Eurostat) u tieħu kont ta' kull rakkomandazzjoni li din tista' tagħmel għal dan il-għan.

*Artikolu 6a*

**Direttur Ġenerali tal-Kummissjoni (Eurostat)**

1. Il-Eurostat huwa l-awtorità tal-istatistika tal-Unjoni u huwa Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni. Huwa għandu jitmexxa minn Direttur Ġenerali.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-proċedura għar-reklutaġġ tad-Direttur Ġenerali tal-Eurostat tkun trasparenti u bbażata fuq kriterji professjonali. Il-proċedura għandha tiżgura li l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali jkun osservat, b'mod partikolari fir-rigward tas-sessi.

3. Id-Direttur Ġenerali għandu jkollu r-responsabbiltà unika li jiddeċiedi dwar il-proċessi, il-metodi, l-istandards u l-proċeduri statistiċi, u dwar il-kontenut u ż-żmien tar-rilaxx u tal-pubblikazzjonijiet tal-istatistika għall-istatistika kollha prodotta mill-Eurostat. Meta jwettaq dawk il-kompiti statistiċi, id-Direttur Ġenerali għandu jaġixxi b'mod indipendenti u ma għandu la jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet mill-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, minn xi gvern jew minn xi istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija oħra.

4. Id-Direttur Ġenerali tal-Eurostat għandu jkun responsabbli għall-attivitajiet tal-istatistika tal-Eurostat. Id-Direttur Ġenerali tal-Eurostat għandu jidher immedjatament wara l-ħatra mill-Kummissjoni, u kull sena wara dan, fil-qafas tad-djalogu dwar l-istatistika quddiem il-kumitat rilevanti tal-Parlament Ewropew biex jiddiskuti materji relatati mal-governanza tal-istatistika, il-metodoloġija u l-innovazzjoni tal-istatistika. Id-Direttur Ġenerali tal-Eurostat għandu jippubblika rapport annwali.

▼B

*Artikolu 7*

**Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika**

1. Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (Kumitat tal-ESS), huwa b'dan stabbilit. Huwa għandu jipprovdi gwida professjonali lill-ESS għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea b'konformità mal-prinċipji tal-istatistika stabbiliti fl-Artikolu 2(1).

2. Il-Kumitat tal-ESS għandu jkun kompost mir-rappreżentanti tal-NSIs li huma speċjalisti nazzjonali fuq l-istatistika. Il-Kummissjoni għandha tippresjedi dan il-kumitat (Eurostat).

▼B

3. Il-Kumitat tal-ESS għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, li għandhom jirriflettu l-kompiti tiegħu.

4. Il-Kumitat tal-ESS għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni rigward:

(a) il-miżuri li l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tieħu għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea, il-ġustifikazzjoni għalihom fuq il-bażi tal-effettività tan-nefqa, il-mezzi u ż-żmien sabiex jinkisbu, il-piż tar-rispons fuq dawk li jwieġbu s-servej;

(b) żviluppi u prijoritajiet proposti fil-Programm Ewropew tal-Istatistika;

(c) l-inizjattivi sabiex ir-riprijoritizzazzjoni u t-tnaqqis tal-piż tar-rispons jitwettqu fil-prattika;

(d) kwistjonijiet rigward il-kunfidenzjalità tal-istatistika;

(e) l-iżvilupp ulterjuri tal-Kodiċi ta' Prattika; u

(f) kull kwistjoni oħra, b'mod partikulari kwistjonijiet ta' metodoloġija, li joħorġu mit-twaqqif jew mill-implimentazzjoni tal-programmi tal-istatistika li jitqajmu mill-president tiegħu, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jew fuq it-talba ta' xi Stat Membru.

*Artikolu 8*

**Koperazzjoni ma' korpi oħra**

Il-Kumitat Ewropew Konsultattiv tal-Istatistika u l-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għandhom ikunu kkonsultati skont il-kompetenza rispettiva tagħhom.

*Artikolu 9*

**Koperazzjoni mal-ESCB**

Sabiex jiġi minimizzat il-piż tar-rappurtar u tiġi garantita l-koerenza meħtieġa għall-produzzjoni tal-Istatistika Ewropea, l- ESS u l-ESCB għandhom jikkooperaw mill-qrib, filwaqt li jikkonformaw mal-prinċipji tal-istatistika kif stabbiliti fl-Artikolu 2(1).

*Artikolu 10*

**Koperazzjoni internazzjonali**

Mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni u l-irwol tal-Istati Membri individwali, il-pożizzjoni tal-ESS rigward kwistjonijiet ta' rilevanza partikolari għall-Istatistika Ewropea fuq livell internazzjonali kif ukoll arranġamenti speċifiċi għar-rappreżentazzjoni f'korpi internazzjonali tal-istatistika għandha tiġi preparata mill-Kumitat tal-ESS u tkun koordinata mill-Kummissjoni (Eurostat).

▼B

*Artikolu 11*

**Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea**

1. Il-Kodiċi ta' Prattika għandu jimmira li jiżgura l-fiduċja pubblika fl-Istatistika Ewropea billi jiġi stabbilit kif l-Istatistika Ewropea għandha tiġi żviluppata, prodotta u disseminata f'konformità mal-prinċipji tal-istatistika kif stabbiliti fl-Artikolu 2(1) u l-aqwa prattika internazzjonali tal-istatistika.

2. Il-Kodiċi ta' Prattika għandu jiġi rivedut u aġġornat kif meħtieġ mill-Kumitat tal-ESS. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-emendi tiegħu.

▼M1

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tinżamm il-fiduċja fl-istatistika Ewropea. Għal dan il-għan, "Impenji dwar il-Fiduċja fl-Istatistika" (l-Impenji) mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni għandu jkollhom l-għan ulterjuri li jiżguraw il-fiduċja pubblika fl-Istatistika Ewropea u l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji statistiċi li jinsabu fil-Kodiċi ta' Prattika. L-Impenji għandhom jinkludu impenji speċifiċi ta' politika biex itejbu jew iżommu, kif meħtieġ, il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika u għandhom jiġu ppubblikati b'sommarju għaċ-ċittadini.

4. L-Impenji mill-Istati Membri għandhom jiġu mmonitorjati b'mod regolari mill-Kummissjoni abbażi ta' rapporti annwali mibgħuta mill-Istati Membri u għandhom jiġu aġġornati kif meħtieġ.

Fin-nuqqas ta' pubblikazzjoni ta' Impenn sad-9 ta' Ġunju 2017, Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni u jippubblika rapport ta' progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika u, fejn applikabbli, dwar l-isforzi li jkunu saru biex jiġi stabbilit Impenn. Dawk ir-rapporti ta' progress għandhom jiġu aġġornati perjodikament, mill-inqas kull sentejn wara l-pubblikazzjoni inizjali tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Impenji ppubblikati u, fejn xieraq, ir-rapporti ta' progress, sad-9 ta' Ġunju 2018 u kull sentejn wara dan.

5. L-impenn stabbilit mill-Kummissjoni għandu jiġi mmonitorjat b'mod regolari mill-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB). Il-valutazzjoni tal-ESGAB tal-implimentazzjoni ta' dan l-Impenn għandha tiġi inkluża fir-rapport annwali ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-ESGAB għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Impenn sad-9 ta' Ġunju 2018.

([1]) Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17).

▼B

*Artikolu 12*

**Kwalità tal-istatistika**

1. Sabiex tiġi garantita l-kwalità tar-riżultati, l-istatistika Ewropea għandha tiġi żviluppata, prodotta u disseminata fuq il-bażi ta' standards uniformi u metodi armonizzati. F'dan ir-rigward, il-kriterji ta' kwalità li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "ir-rilevanza" li tindika l-grad ta' kemm l-istatistika tilħaq il-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti;

(b) "il-preċiżjoni" li tirreferi għal kemm l-estimi jqarrbu lejn il-valuri vera mhux magħrufa;

(c) "tempestività" li tirreferi għall-perijodu bejn id-disponibilità tat-tagħrif u l-avveniment jew il-fenomenu li dan jiddeskrivi;

(d) "il-puntwalità" li tirreferi għad-dewmien bejn id-data ta' rilaxx tad-data u d-data mmirata (id-data sa liema kellha tintbagħat id-data);

(e) "l-aċċessibbiltà" u "ċ-ċarezza" li jirreferu għall-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li bihom l-utenti jistgħu jiksbu, jużaw u jinterpretaw id-data;

(f) "il-kumparabilità" li tirreferi għall-kejl tal-impatt tad-differenzi fil-kunċetti tal-istatistika, għodod u proċeduri applikati meta l-istatistika titqabbel bejn iż-żoni ġeografiċi, dominji settorjali jew matul iż-żmien;

(g) "il-koerenza" li tirreferi għall-adegwatezza tad-data li tkun marbuta b'mod affidabbli b'modi differenti u għal użu varju.

▼M1

2. Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità, bħall-valuri fil-mira u l-istandards minimi għall-produzzjoni tal-istatistika, jistgħu wkoll jiġu stabbiliti fil-leġislazzjoni settorjali.

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-kriterji ta' kwalità stabbiliti fil-paragrafu 1 għad-data koperta mil-leġislazzjoni settorjali f'oqsma speċifiċi tal-istatistika, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-modalitajiet, l-istruttura, u l-perjodiċità tar-rapporti tal-kwalità koperti mil-leġislazzjoni settorjali. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(2).

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapporti dwar il-kwalità tad-data trażmessa, inkluż kwalunkwe tħassib li jkollhom fir-rigward tal-preċiżjoni tad-data. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tevalwa l-kwalità tad-data trażmessa abbażi ta' analiżi xierqa, u għandha tħejji u tippubblika rapporti u komunikazzjonijiet dwar il-kwalità tal-istatistika Ewropea.

4. Fl-interess tat-trasparenza, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, fejn xieraq, tippubblika l-valutazzjoni tagħha tal-kwalità tal-kontributi nazzjonali għall-istatistika Ewropea.

▼M1

5. Fejn il-leġislazzjoni settorjali tipprevedi multi għal każijiet fejn l-Istati Membri jippreżentaw b'mod żbaljat id-data statistika, il-Kummissjoni tista', f'konformità mat-Trattati u tali leġislazzjoni settorjali, tagħti bidu għal investigazzjonijiet u tmexxihom kif meħtieġ, inkluż, fejn xieraq, spezzjonijiet fuq il-post sabiex tistabbilixxi jekk tali rappreżentazzjoni żbaljata kinitx serja jew intenzjonata jew minħabba negliġenza gravi.

▼B

KAPITOLU III

## PRODUZZJONI TAL-ISTATISTIKA EWROPEA

*Artikolu 13*

### Programm Ewropew tal-Istatistika

▼M1

1. Il-programm statistiku Ewropew għandu jipprovdi il-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, filwaqt li jiddefinixxi l-oqsma ewlenin u l-miri tal-azzjonijiet previsti għal perjodu li jikkorrispondi għal dak tal-qafas finanzjarju pluriennali. Dan għandu jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. L-impatt u l-kosteffettività tiegħu għandhom jiġu vvalutati, bl-involviment ta' esperti indipendenti.

▼B

2. Il-Programm Ewropew tal-Istatistika għandu jistabbilixxi l-prijoritajiet rigward il-bżonnijiet ta' informazzjoni bl-iskop li jitwettqu l-attivitajiet tal-Komunità. Dawk il-bżonnijiet għandhom jiġu kkunsidrati skont ir-riżorsi meħtieġa fil-livell Komunitarju u nazzjonali biex tiġi provduta l-istatistika meħtieġa, kif ukoll skont il-piż tar-rappurtar u l-ispejjeż assoċjati għal min jipprovdi l-informazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tintroduċi inizjattivi biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet u biex jitnaqqas il-piż tar-rispons għall-Programm Ewropew tal-Istatistika kollu jew għal parti minnu.

4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tal-Programm Ewropew tal-Istatistika lill-Kumitat tal-ESS biex dan jiġi eżaminat minn qabel.

5. Għal kull Programm Ewropew tal-Istatistika, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-ESS, tippreżenta rapport ta' progress intermedjarju u rapport finali evalwattiv u għandha tressaqhom quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

*Artikolu 14*

### Implimentazzjoni tal-Programm Ewropew tal-Istatistika

1. Il-Programm Ewropew tal-Istatistika għandu jiġi implimentat b'azzjonijiet individwali tal-istatistika li għandhom jiġu deċiżi:

(a) mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill;

(b) mill-Kummissjoni, f'każijiet speċifiċi u debitament ġustifikati, b'mod partikulari sabiex jiġu sodisfati ħtiġijiet mhux mistennija, skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2; jew

▼B

(c) permezz ta' qbil bejn l-NSIs jew awtoritajiet nazzjonali oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom. Tali qbil għandu jkun bil-miktub.

▼M1

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi dwar azzjoni statistika diretta temporanja sakemm:

(a) l-azzjoni ma tipprevedix il-ġbir ta' data li jkopri iktar minn tliet snin ta' referenza;

(b) id-data tkun diġà disponibbli jew aċċessibbli għand l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli, jew tista' tinkiseb direttament, bl-użu tal-kampjuni adatti għall-osservazzjoni tal-popolazzjoni statistika fil-livell tal-Unjoni bil-koordinazzjoni adegwata mal-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħrajn; u

(c) l-Unjoni tagħmel kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-NSIs u lil awtoritajiet nazzjonali oħra biex tkopri l-ispejjeż inkrementali li jkunu ġarrbu, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(2).

▼B

3. Fit-twettiq ta' azzjoni li għandha tiġi deċiża taħt il-paragrafu 1(a) jew (b), il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar:

(a) ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-azzjoni, l-aktar fid-dawl tal-għanijiet tal-politika Komunitarja kkonċernata;

(b) l-għanijiet għall-azzjoni u r-riżultati mistennija;

(c) analiżi tal-effettività meta mqabbla mal-ispejjeż, inkluża evalwazzjoni tal-piż fuq dawk li jipprovdu t-tweġibiet u tal-ispejjeż tal-produzzjoni; u

(d) il-modi permezz ta' liema għandha titwettaq l-azzjoni, inkluż id-dewmien tagħha u l-irwol tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

*Artikolu 15*

**Networks kollaborattivi**

Fl-azzjonijiet individwali tal-istatistika, għandhom jiġu żviluppati sinerġiji, fejn possibbli, fi ħdan l-ESS permezz ta' networks kollaborattivi, bl-iskambju ta' tagħrif espert u riżultati jew bit-trawwim ta' speċjalizzazzjoni f'ħidmiet speċifiċi. Għal dan il-għan, għandha tiġi żviluppata struttura finanzjarja adegwata.

([1]) Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

▼B

Ir-riżultati ta' dawk l-azzjonijiet, bħal strutturi, għodda, proċessi u metodi konġunti, għandhom ikunu disponibbli fl-ESS kollha. L-inizjattivi għall-ħolqien ta' networks kollaborattivi kif ukoll ir-riżultati għandhom jiġu eżaminati mill-Kumitat tal-ESS.

*Artikolu 16*

**Strateġija Ewropea għall-Istatistika**

1. F'każijiet speċifiċi u debitament ġustifikati u fil-qafas tal-Programm Ewropew tal-Istatistika, l-Istrateġija Ewropea għall-Istatistika għandha l-għan li:

(a) timmassimizza d-disponibbiltà tal-aggregati tal-istatistika fil-livell Ewropew u t-titjib fil-produzzjoni fil-ħin tal-Istatistika Ewropea;

(b) tnaqqas il-piż fuq dawk li jipprovdu t-tweġibiet, l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali abbażi ta' analiżi tal-effettivita' meta mqabbla mal-ispejjeż.

2. Il-każijiet fejn l-Istrateġija Ewropea għall-Istatistika hija rilevanti jinkludu:

(a) il-produzzjoni ta' Statistika Ewropea permezz tal-użu ta':

(i) kontribuzzjonijiet nazzjonali mhux ippubblikati jew kontribuzzjonijiet nazzjonali minn grupp ta' Stati Membri;

(ii) skemi ta' stħarriġ imfassla b'mod speċifiku;

(iii) informazzjoni parzjali permezz ta' tekniki ta' mudellar;

(b) id-disseminazzjoni ta' aggregati tal-istatistika fil-livell Ewropew billi jiġu applikati tekniki speċifiċi ta' kontroll tal-iżvelar tal-istatistika mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar id-disseminazzjoni.

3. Il-miżuri biex tiġi implimentata l-Istrateġija Ewropea għall-Istatistika għandhom jitwettqu bl-involviment sħiħ tal-Istati Membri. Il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea għall-Istatistika għandhom jiġu stabbiliti fl-azzjonijiet individwali tal-istatistika msemmija fl-Artikolu 14(1).

4. Jekk ikun neċessarju, għandha tiġi stabbilita politika koordinata dwar ir-rilaxx u r-reviżjoni f'koperazzjoni mal-Istati Membri.

▼M1

*Artikolu 17*

**Programm annwali ta' ħidma**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kumitat ESS il-programm annwali ta' ħidma tagħha għas-sena ta' wara sat-30 ta' April.

▼M1

Fit-tħejjija ta' kull programm annwali ta' ħidma, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti prijoritajiet effettivi inkluż ir-rieżami, ir-rappurtar dwar il-prijoritajiet statistiċi u l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kemm tistal-kummenti tal-Kumitat ESS. Kull programm annwali ta' ħidma għandu jkun ibbażat fuq il-Programm Ewropew tal-Istatistika u għandu jindika, b'mod partikolari:

(a) l-azzjonijiet li l-Kummissjoni tikkunsidra li għandhom prijorità, b'kont meħud tal-ħtiġijiet tal-politika tal-Unjoni, ir-restrizzjonijiet finanzjarji nazzjonali u dawk tal-Unjoni u l-piż tar-rispons;

(b) l-inizjattivi li jirrigwardaw ir-rieżami tal-prijoritajiet, inklużi l-prijoritajiet negattivi, u t-tnaqqis tal-piż kemm fuq il-fornituri tad-data kif ukoll fuq il-prodotturi tal-istatistika; u

(c) il-proċeduri u kull strument legali previst mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-programm annwali ta' ħidma.

*Artikolu 17a*

**L-aċċess, l-użu u l-integrazzjoni tar-rekords amministrattivi**

1. Sabiex jitnaqqas il-piż fuq ir-rispondenti, l-NSIs, awtoritajiet nazzjonali oħra kif imsemmi fl-Artikolu 4, u l-Kummissjoni (Eurostat) għandu jkollhom id-dritt għal aċċess u użu fil-pront u mingħajr ħlas għar-rekords amministrattivi kollha u d-dritt li jintegraw dawk ir-rekords amministrattivi bl-istatistika, sa fejn hu meħtieġ għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea, li hija determinata fil-Programm Ewropew tal-Istatistika f'konformità mal-Artikolu 1.

2. L-NSIs u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jiġu kkonsultati u involuti fit-tfassil inizjali, fl-iżvilupp sussegwenti u fil-waqfien tar-rekords amministrattivi li nħolqu u nżammu minn korpi oħra, biex b'hekk jiġi ffaċilitat l-użu ulterjuri ta' dawk ir-rekords għall-iskop tal-produzzjoni tal-istatistika Ewropea. Dawn għandhom jiġu involuti fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni dwar ir-rekords amministrattivi li huma rilevanti għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea.

3. L-aċċess u l-involviment tal-NSIs, ta' awtoritajiet nazzjonali oħra u tal-Kummissjoni (Eurostat) skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu limitati għar-rekords amministrattivi fis-sistema amministrattiva pubblika rispettiva tagħhom stess.

4. Rekords amministrattivi li s-sidien tagħhom jagħmlu disponibbli lill-NSIs, awtoritajiet nazzjonali oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) sabiex jintużaw għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea għandhom ikunu akkumpanjati minn metadata rilevanti.

5. L-NSIs u s-sidien tar-rekords amministrattivi għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni meħtieġa.

▼B

KAPITOLU IV

**DISSEMINAZZJONI TAL-ISTATISTIKA EWROPEA**

*Artikolu 18*

**Miżuri ta' disseminazzjoni**

1. Id-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea għandha ssir f'konformità sħiħa mal-prinċipji tal-Istatistika, kif stabbiliti fl-Artikolu 2(1), partikolarment fir-rigward tal-ħarsien tal-kunfidenzjalità tal-istatistika u l-iżgurar ta' aċċess ugwali kif meħtieġ skont il-prinċipju tal-imparzjalità.

2. Id-disseminazzjoni tal-Istatistika Ewropea għandha ssir mill-Kummissjoni (Eurostat), l-NSIs u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra, fl-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni, fl-ambitu tal-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom, għandhom jipprovdu l-appoġġ neċessarju biex jiżguraw il-kwalità tal-aċċess tal-Istatistika Ewropea għall-utenti kollha.

*Artikolu 19*

**Fajls għall-użu pubbliku**

Data dwar unitajiet individwali tal-istatistika tista' tiġi disseminata fil-forma ta' fajls għall-użu pubbliku li jikkonsisti f'rekords anonimizzati li ġew preparati b'tali mod li l-unità tal-istatistika ma tistax jiġi identifikat, direttament jew indirettament, meta jittieħed kont tal-mezzi kollha relevanti li jistgħu jintużaw b'mod raġonevoli minn terza persuna.

Jekk id-data tkun ġiet trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) l-approvazzjoni espliċita tal-NSIs jew awtorità nazzjonali oħra li tkun ipprovdiet id-data hija meħtieġa.

KAPITOLU V

**KUNFIDENZJALITÀ TAL-ISTATISTIKA**

*Artikolu 20*

**Ħarsien tad-data kunfidenzjali**

1. Ir-regoli u l-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw biex jiġi żgurat li d-data kunfidenzjali tkun użata esklussivament għal għanijiet ta' statistika u għall-prevenzjoni ta' żvelar illegali.

2. Id-data kunfidenzjali miksuba esklussivament għall-produzzjoni tal-Istatistika Ewropea għandha tintuża mill-NSIs jew awtoritajiet nazzjonali oħra u mill-Kummissjoni (Eurostat) esklussivament għal għanijiet ta' statistika sakemm l-unità tal-istatistika ma tkunx tat il-kunsens mhux ambigwu tagħha għall-użu għal kull għan ieħor.

▼B

3. Ir-riżultati tal-istatistika li jistgħu jagħmluha possibbli li tiġi identifikata l-unità tad-data tal-istatistika jistgħu jiġu disseminati mill-NSIs jew awtoritajiet nazzjonali oħra u l-Kummissjoni (l-Eurostat) fil-każijiet eċċezzjonali li ġejjin:

(a) meta jiġu determinati modalitajiet u kundizzjonijiet speċifiċi permezz ta' att tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-Artikolu 251 tat-Trattat u mar-riżultati tal-istatistika jiġu emendati b'tali mod li d-disseminazzjoni tagħhom ma jippreġudikax il-kunfidenzjalità tal-istatistika kull meta l-unità tad-data tal-istatistika titlob dan; jew

(b) meta l-unità tal-istatistika tkun qablet b'mod ċar mal-iżvelar tad-data.

4. Fl-ambitu tal-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom, l-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra u l-Kummissjoni (l-Eurostat) għandhom jieħdu l-miżuri kollha regolatorji, amministrattivi, tekniċi u organizzattivi neċessarji biex jiżguraw il-ħarsien fiżiku u loġiku tad-data kunfidenzjali (Kontroll tal-Iżvelar tal-Istatistika).

▼M1

L-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra u l-Kummissjoni (Eurostat) għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw l-allinjament tal-prinċipji u l-linji gwida fir-rigward tal-protezzjoni fiżika u loġika ta' data kunfidenzjali. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm tali allinjament permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, mingħajr ma jiġi supplementat dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(2).

▼B

5. Uffiċjali u persunal ieħor tal-NSIs u awtoritajiet nazzjonali oħra li jkollhom aċċess għad-data kunfidenzjali għandhom ikunu soġġetti għall-konformità ma' kunfidenzjalità simili, anke wara li jtemmu l-funzjoni tagħhom.

*Artikolu 21*

**Trażmissjoni ta' data kunfidenzjali**

1. It-trażmissjoni ta' data kunfidenzjali minn awtorità ESS, kif imsemmi fl-Artikolu 4, li tkun ġabret id-data għal awtorità ESS oħra tista' sseħħ sakemm din it-trażmissjoni hija meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni effiċjenti tal-Istatistika Ewropea jew sabiex tiżdied il-kwalità tagħha.

2. It-trażmissjoni ta' data kunfidenzjali bejn awtorità tal-ESS li tkun ġabret id-data u membru tal-ESCB tista' sseħħ sakemm din it-trażmissjoni tkun meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni effiċjenti tal-Istatistika Ewropea jew sabiex tiżdied il-kwalità tal-Istatistika Ewropea fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tal-ESS u tal-ESCB, u sakemm din in-neċessità tkun ġiet iġġustifikata.

3. Kull trażmissjoni oħra wara l-ewwel trażmissjoni għandha tirrikjedi l-awtorizzazzjoni espliċita tal-awtorità li ġabret id-data.

▼B

4. Ir-regoli nazzjonali dwar kunfidenzjalità statistika ma għandhomx jiġu invokati biex jipprevjenu t-trażmissjoni ta' data kunfidenzjali skont il-paragrafi 1 u 1a fejn att tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, waqt li jaġixxu b'konformità mal-Artikolu 251 tat-Trattat jipprovdi għat-trażmissjoni ta' dik id-data.

5. Id-data kunfidenzjali trażmessa konformement ma' dan l-Artikolu, għandha tintuża biss għal għanijiet ta' statistika u tkun aċċessibbli biss għall-persunal li jaħdem f'attivitajiet tal-istatistika fil-qasam tax-xogħol speċifiku tagħhom.

6. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità tal-istatistika previsti f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għad-data kollha kunfidenzjali trażmessa fi ħdan l-ESS u bejn l-ESS u l-ESCB.

*Artikolu 22*

**Ħarsien ta' data kunfidenzjali fil-Kummissjoni (Eurostat)**

1. Id-data kunfidenzjali għandha tkun aċċessibbli, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, biss għal uffiċjali tal-Kummissjoni (Eurostat) fil-qasam tax-xogħol speċifiku tagħhom.

2. F'każijiet eċċezzjonali l-Kummissjoni (Eurostat) tista' tagħti aċċess għad-data kunfidenzjali lill-persunal l-ieħor tagħha jew lil persuni naturali oħra li jaħdmu għall-Kummissjoni (Eurostat) b'kuntratt fil-qasam tax-xogħol speċifiku tagħhom.

3. Persuni li għandhom aċċess għad-data kunfidenzjali għandhom jużaw dawn id-data esklussivament għal għanijiet tal-istatistika. Għandhom ikunu soġġetti għal din ir-restrizzjoni anke wara li jtemmu l-funzjonijiet tagħhom.

*Artikolu 23*

**Aċċess għal data kunfidenzjali għal għanijiet *xjentifiċi***

L-aċċess għad-data kunfidenzjali li jippermetti biss identifikazzjoni indiretta tal-unitajiet tal-istatistika jista' jingħata lil riċerkaturi li jwettqu l-analiżi tal-istatistika għal raġunijiet xjentifiċi mill-Kummissjoni (Eurostat) jew mill-NSIs jew awtoritajiet nazzjonali oħra fi ħdan l-isferi ta' kompetenza rispettivi tagħhom. Jekk id-data tkun ġiet trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) l-approvazzjoni tal-NSIs jew awtorità nazzjonali oħra li tkun provdiet id-data hija meħtieġa.

▼M1

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-arranġamenti, ir-regoli u l-kondizzjonijiet għall-aċċess fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 27(2).

---

▼B

*Artikolu 25*

**Data minn sorsi pubbliċi**

Data miksuba minn sorsi disponibbli legalment għall-pubbliku u li jibqgħu disponibbli għall-pubbliku skont il-leġislazzjoni nazzjonali m'għandhiex tiġi kkunsidrata kunfidenzjali għall-iskop tad-disseminazzjoni tal-istatistika miksuba minn dik id-data.

▼M1

*Artikolu 26*

**Ksur tal-kunfidenzjalità tal-istatistika**

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-miżuri adatti biex jipprevjenu u jippenalizzaw kull ksur tal-kunfidenzjalità tal-istatistika. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

▼B

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

▼M1

*Artikolu 27*

**Il-proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ESS. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

▼B

*Artikolu 28*

**Revoka**

1. Ir-Regolament (KE, *Euratom) Nru 1101/2008* huwa b'dan imħassar.

Referenzi għar-Regolament revokat għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Referenzi għall-Kumitat dwar il-Kunfidenzjalità Statistika stabbilit taħt ir-Regolament Revokat għandhom *jitqiesu* bħala referenzi għall-Kumitat ESS stabbilit permezz tal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-Regolament (KE) 322/97 huwa b'dan imħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

---

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

▼B

3. Id-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom hija b'dan imħassra.

Referenzi għall-Kumitat *tal-Programm tal-Istatistika* għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-Kumitat ESS stabbilit permezz tal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 29*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.